

Brussell, 21 ta' Jannar 2022
(OR. fr)

5449/22

AVIATION 10
DELECT 10

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
Nru dok. Cion:	15170/21
Suġġett:	Regolament Delegat (UE) .../... tal-Kummissjoni tal-15.12.2021 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 fir-rigward tal-estensjoni ta' miżuri għall-eżenzjoni temporanja mir-regoli dwar l-użu tas-slots minħabba l-kriżi tal-COVID-19 • Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet għall-att delegat • Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni

1. Il-Kummissjoni ppreżentat l-att delegat imsemmi hawn fuq lill-Kunsill f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 290 TFUE u l-Artikolu 10a(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 tat-18 ta' Jannar 1993 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità¹.
2. Peress li l-Kummissjoni nnotifikat l-att delegat lill-Kunsill fil-15 ta' Diċembru 2021, il-Kunsill għandu sal-15 ta' Frar 2022 biex joġġezzjona għalih. Id-delegazzjonijiet ġew ikkonsultati dwar dan l-att delegat.

¹ ĠU L 14 tat-22.1.1993, p. 1.

3. Taħt kwalunkwe attività oħra tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni tal-11 ta' Jannar 2022, id-delegazzjoni Belġjana qajmet il-ħtieġa li jiġu emendati u estiżi r-regoli eżistenti dwar l-eżenzjoni b'rabta mas-slots sabiex tiġi żgurata flessibbiltà akbar għal-linji tal-ajru fid-dawl tat-tnaqqis osservat fit-traffiku tal-ajru, marbut b'mod partikolari mal-varjant Omicron. Ħafna delegazzjonijiet esprimew l-appoġġ tagħhom għall-pożizzjoni tal-Belġju.
4. Sussegwentement, id-delegazzjoni Daniża ppreżentat kummenti bil-miktub dwar l-att delegat, iżda ma oġġezzjonatx formalment għal dan l-abbozz.
5. Għalhekk, l-att delegat ġie diskuss fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni fit-18 ta' Jannar 2022. Fil-laqgħa, id-Danimarka, appoġġata minn xi delegazzjonijiet, talbet lill-Kummissjoni biex tikkunsidra mill-ġdid il-perċentwal tal-użu tas-slots stabbilit fl-att delegat. Għadd kbir ta' delegazzjonijiet ma kellhom l-ebda kumment dwar l-att delegat iżda talbu lill-Kummissjoni biex tiżgura aktar flessibbiltà u uniformità fl-applikazzjoni tar-regoli ta' eżenzjoni eżistenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-klawżola ta' force majeure, biex tikkunsidra fit-terminu qasir ħafna l-estensjoni tar-regoli ta' eżenzjoni eżistenti għall-istaġun tax-xitwa 2022/23 u biex twettaq reviżjoni strutturali tar-Regolament fit-terminu medju.
6. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma, il-Kummissjoni Ewropea spjegat li l-perċentwal tal-użu tas-slots stabbilit fl-att delegat kien konsistenti mal-previżjonijiet aġġornati tal-Maniġer tan-Network EUROCONTROL u li kienet qed timmonitorja mill-qrib l-evoluzzjoni tat-traffiku tal-ajru. Mingħajr preġudizzju għal reviżjoni possibbli tar-regoli fis-seħħ, il-Kummissjoni indikat li kienet daħlet fi djalogu mal-koordinaturi tas-slots biex tiżgura uniformità akbar fl-applikazzjoni tar-regoli fis-seħħ.
7. Il-President ikkonkluda li l-ebda delegazzjoni ma kienet oġġezzjonat għall-att delegat. Madankollu, jidher li tenħtieġ aktar flessibbiltà fl-applikazzjoni tar-regoli eżistenti, b'mod partikolari l-klawżola ta' force majeure, kif ukoll iż-żamma ta' monitoraġġ mill-qrib tal-iżvilupp tat-traffiku tal-ajru bil-ħsieb li tiġi antiċipata kwalunkwe estensjoni possibbli tal-miżuri eċċezzjonali lil hinn mis-sajf tal-2022.

8. Huwa għalhekk issuġġerit li l-Coreper jistieden lill-Kunsill biex:

- jikkonferma li ma għandu l-ebda intenzjoni joġġezzjona għal dan l-att delegat;
 - jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2021/2098, li l-Kunsill ser juża l-proċedura bil-miktub biex jikkonferma li ma għandu l-ebda intenzjoni li joġġezzjona.
-